# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 515/19 TA**

**Kevin Camilleri (K.I. nru. 193085(M)**

**Vs**

**Malta Diary Products Limited(C7833)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur Kevin Camilleri ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2019 u jidher li maħlufa minnu fl-istess jum li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. "Permezz ta' att pubbliku magħmul quddiem in-Nutar Dottor James Grech nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), is-soċjeta intimata flimkien mar-rikorrent ħolqu kostituzzjoni ta' debitu bejniethom versu l-ammont ta' mitejn u tlieta u ħamsin elf, mija tlieta u sebgħin versu l-ammont ta' mitejn u tlieta u ħamsin elf,mija tlieta u sebgħin euro u tlettax-il ċentezmu (253,173,13) (Dok KC1)

2. Fl-istess kuntratt, il-partijiet ftehmu illi tali somma kellha titħallas lura, flimkien ma' imgħax ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena, "*kalkulabbli a scaletta",* li b'kollox kellhom jitħallsu fi żmien seba' (7) snin mid-data tal-kuntratt. Il-perjodu miftiehem jiskadi nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Il-mittenti ġie obbligat jagħmel dan "permezz ta' pagamenti mensili ta' [EUR 3,578.33]". Fl-aħħar tas-seba' snin, ir-rikorrenti kellu jispiċċa jħallas is-somma ta' tliet mitt elf, ħames mija u disgħa u sebgħin euro u tnejn u sebgħin ċentezmu (€300,579,72).

3. Il-kuntratt iżda impona wkoll imgħax "*ulterjuri*" (*sic erat scriptum*) ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena *"fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta, u dan sa l-effettiv pagament ta' dik ir-rata jew ta' kull bilanċ",*f'dik li kjarament ma hija xejn għajr rata ta' imgħax b'effetti użurarji, stante l-fatt illi jimponi imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanc ta' somma li minnha nniffisha diġa' tkun tinkorpora imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%).

4. Illi tabilħaqq, is-soċjeta' intimata ittentat tagħti effett lill-imgħax ogħla minn dak peress mil-liġi, meta fit-22 ta' Jannar 2019, hija preżentat mandat ta' qbid ta' mmobbli, "*għal bilanċ ta' prezz ċert, likwidu u dovut, kopert minn ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 29 ta' Mejju 2014 fl- atti tan-Nutar Dottor James Grech li ġie res esekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali numru 997/2016 pprezentata fit-28 ta' Marzu 2016..."(*akkordat fl-24 ta' Jannar -67/2019) u segwit b'rikors tal-21 ta' Frar 2019,(2733/19), li fih hemm indikat illi t-talba tas-socjeta' intimata( hemmhekk rikorrenti) kienet biex l-Onorabbli Qorti tesegwixxi fuq is-somma ta' 203,386.69 ( deskritta minnha bhala bilanċ li ma tħallasx-liema somma kif diġa' ingħad , diġa' tinkludi imgħax bir-rata ta' 5%) u is-somma addizjonali ta' €47,118.85 bħala imgħax bit-8%.

5. Ifisser illi is-socjeta' Malta Dairy Products Limited kienet qiegħda tittenta tagħti effett lill-klawżola użurarja fil-kuntratt (evidenti mill-fatt illi tipprovdi għal imgħax oriġinali ta' 5%, u iehor 'ulterjuri' ta' 8%) tad-29 ta' Mejju 2014, billi żżid imgħax bi 8% fuq somma li diġa' kellha imgħax bir-rata ta' 5% inkluża fiha.

6. Ifisser ukoll illi mhux biss illi l-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2014 huwa afflitt minn kawża illeċita, u allura jeħtieg jiġi iddikjarat null, iżda wkoll illi t-talba għall-qbid tal-immobbli u l-eventwali talba għall-bejgħ bis-subbasta hija wkoll nulla, għaliex imsejħa fuq kuntratt u bażi illegali .

7. Sussidjarjament, mingħajr preġudizzju għas-suespost u lil'hinn mill-kontenut tal-kuntratt nniffsu,jingħad illi permezz ta' digriet datat l-1 ta' Frar 2019 (in atti tas-subbasta bin-numru 9/19), il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' qbid filwaqt li ordnat il-bejgħ tas-subbasta tal-immobbli tar-rikorrenti.Is-subbasta tinsab appuntata ghat-18 ta' Lulju,2019 **(Dok KC2).**

8. Jingħad bir-rispett illi dan id-digriet u d-digrieti relattivi huma inkorretti u nulli fil-liġi, għaliex is-soċjeta' Malta Dairy Products Limited (hawnhekk intimata) ma kinitx tgawdi minn titolu eżekuttiv validu li seta' jtiha l-jedd titlob il-qbid tal-immobbli relattiv u l-bejgħ tiegħu bis-subbasta. Il-kuntratt abbażi ta' liema qed tippretendi li għandha jedd ezekuttiv, kif ingħad aktar 'il fuq, jipprospetta pagamenti rateali għal perjodu illi jiskadi biss fis-sena 2021! Kemm-il darba is- soċjeta' Malta Dairy Products Limited imbagħad riedet tallega minn telf ta' benefiċċju tat-terminu jew minn xi ksur ta' kuntratt validu (u dan jingħad mingħajr pregudizzju għall-premessi preċedenti) illi jtiha d-dritt tiġbor il-flus kollha f'daqqa, hija kellha qabelxejn tintavola proċeduri *ad hoc* sabiex l-ewwelnett, tistablixxi l-allegata dekadenza tar-rikorrenti fid-dawl tal-benefiċċju mogħti lilhu għall-ħlas lura tal-bilanċ kuntrattat. Il-liġi u il-ġurisprudenza jistabbilixxu x' jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, u l-kuntratt tal-24 ta' Mejju 2019 ma jagħtix titolu eżekuttiv waħdu, mingħajr l-eventwali pronunżjament ġudizzjarju f'kawża appożita (illi kieku saret, ir-rikorrenti kien se jikkontesta bil-qawwa).

9. Għalhekk, peress li l-ammont allegatament dovut, kien għadu m'għalaqx; l-allegat titolu eżekuttiv vantat, il-proċeduri konsegwenti u d-digrieti rilevanti u relattivi tal-Qorti, jeħtieg ilkoll jiġu dikjarati nulli u bla effett.

10. Ir-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

<u>Raġuni tat-talba</u>

Ghaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet

**Tgħid għalhekk s-soċjeta' intimata, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech tad-29 ta' Mejju 2014 huwa afflitt minn kawża illeċita;

2. Tiddikjarah l-istess kuntratt null *in toto* jew *in parte*, u konsegwentement tirrexxendih *in toto* jew *in parte* għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;

3. Tannulla u/jew tirrevoka konsegwentement kwalunkwe att li sar in segwitu jew bis-saħħa tal-istess kuntratt, inkluż għalhekk il-mandat ta' qbid ta' mmobbli numru 67/19, il-proċeduri tas-subbasta bin-numru 9/2019, u l-atti kolla relattivi għall-istess;

4. Fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel tliet talbiet, u kemm-il darba tqis illi minkejja dak li ngħad hawn, il-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 ma jistħoqqlux jigi dikjarat null in toto jew in parte, tiddikjara għar-raġunijiet premessi illi l-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2014, u/jew l-ittra ġudizzjarju numru 997/16 ma jagħtu u/jew taw l-ebda titolu eżekuttiv lis-soċjeta' intimata fil-konfront tar-rikorrenti;

5. Tannulla u/jew tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' qbid ta' immobbli numru 67/19, u l-proċeduri tas-subbasta bin-numru 9/2019, u d-digrieti relattivi, u l-atti kolla relattivi għall-istess li mod ieħor setgħu u/jew jistgħu jagħtu d-dritt lis-soċjeta intimata tipproċedi bil-mezzi eżekuttivi fil-konfront tar-rikorrent;

6. Tagħti dawk l-ordnijiet neċessarju jew meħtieġa lir-Reġistratur tal-Qorti, skont il-każ;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta ntimata li min issa tinsab inġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetá intimata Malta Dairy Products (C7833) preżentata fit-8 ta' Lulju 2018 u maħlufa fl-istess data minn Martin Grech li permezz tagħha eċċepiet u wieġbet s-segwenti:-

1. "Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal dak kollu illi sejjer jintqal fir-risposta odjerna, jingħad illi it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attrici huma illum superfluwi u għandhom jiġu sorvolati ġialadarba kemm il-mandat ta' qbid immobbli 67/2019 RGM kif ukoll is-subbasta numru 9/2019 MCH m'għadhomx fis-seħħ (ara nota ta' rinunzja għall-atti tas-subbasta u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta annessi u mmarkati '**DOK A1**' u '**DOK A2**' rispettivament);
2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors ġuramentat tal-attur huwa milqut b'irregolarita` stante illi m'hemmx "*indikazzjoni xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed tagħmel it-talba*" u dan kif esplicitament rikjest mil-liġi ai termini tal-Artikolu 174(2)(c), liema nuqqas jista' jwassal għall-impossibilita` tal-kumpannija konvenuta illi tinnotifika lill-attur;
3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jigi rilevat illi hemm indikazzjoni erroneja tal-kumpannija konvenuta fl-okkju stante illi l-isem indikat fir-rikors promotur u l-isem reġistrat tal-kumpannija konvenuta huma differenti;
4. Illi fil-mertu jingħad illi t-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-att la huwa afflitt minn xi "klawzola użurarja" kif jittenta jpoġġiha l-attur u wisq anqas minn xi kawża illeċita u dan kif sejjer jiġi **ampjament** pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża. Għal finijiet ta' din ir-risposta jingħad biss illi l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda intenzjonata biss sabiex tkompli tiddilunga l-inevitabbli kundanna tal-attur Kevin Camilleri stante illi huwa debitur tal-kumpannija konvenuta fis-somma kapitali totali ta' ħames mija sebgħa u għoxrin elf ħames mija u erbgħin Ewro tlieta u ħamsin ċenteżmu (€527,540.53), rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati lilu fuq ordnijiet tiegħu stess, fir-rigward ta' liema somma:
    a. In kwantu ghall-ammont ta' €324,153.84, jigi rilevat illi l-kumpannija konvenuta gia` għandha proċeduri għaddejjin kontra l-attur sabiex dan tal-aħħar jiġi kkundannat iħallas is-somma imsemmija – ara kawza fl-ismijiet ***Malta Dairy Products Limited -vs- Kevin Camilleri (Rikors Guramentat numru 496/2016 RGM)***;

b. In kwantu għas-somma ta' €203,386.69, dan jirrappreżenta bilanċ ta' ammont akbar illi l-attur kien ikostitwixxa ruħu bħala veru, ċert u likwidu debitur tiegħu a favur tal-kumpannija konvenuta ai termini tal-att notarili in atti tan-Nutar Dottor James Grech datat 29 ta' Mejju 2014 (kopja shiha ta' liem qiegħda tiġi annessa u mmarkata '**DOK B**'), liema att issa l-attur qiegħed jittenta jimpunja permezz tal-kawza odjerna;

5. Illi mingħajr pregudizzju u subordinatament għas-suespost, jingħad għall-finijiet biss ta' kompletezza illi anke` jekk din l-Onorabbli Qorti tasal għal konklużjoni illi hemm xi "klawżola użurarja" fl-att imsemmi, dan ma jistax iwassal awtomatikament għan-nullita` tal-att notarili de quo izda l-aktar li jista' jwassal huwa għar-rimossjoni tal-ammonti illi jiġu meqjusin "uzurarji";

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż."

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Lulju 2019 fejn is-Soċjetá konvenuta rtirat it-tielet eċċezzjoni;

Rat in-nota preżentata fl-20 ta' Diċembru 2019 fejn permezz tagħha r-rikorrenti rtirat t-tielet, il-ħames u s-sitt talba tar-rikors ġuramentat;

Rat il-verbali tal-udjenza tal-25 ta' Frar 2020 u l-15 ta' Ġunju 2021 fejn il-partijiet qablu illi l-provi kollha li qed jinġiebu fil-kawża numru 669/2019 fl-ismijiet inversi japplikaw għal din il-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti proċesswali juru s-segwenti:

1. L-Attur kien distributur tas-soċjetá Konvenuta. Dan jiġifieri kien jixtri l-prodott mingħandha biex ibiegħu lill-ħwienet (ara xhieda Attur a' fol 120 faċċata 2).
2. L-Attur ma żammx mal-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom fil-ftehim ta' distribuzzjoni li huwa għamel mas-Soċjetá Konvenuta. Dan minħabba li sab ruħu moruż fil-pagamenti dovuti minnu lis-soċjetá Konvenuta fl-ammont ta' €253,173.13 (ara xhieda Attur a' fol 121 et seq faċċata 2).
3. Minkejja li s-Soċjetá konvenuta interpellatu diversi drabi biex iħallas dan il-bilanċ minnu dovut, l-Attur baqa' inadempjenti (ara xhieda Martin Grech, Chief Financial Officer fi ħdan is-Soċjetá Konvenuta, a' fol 101 faċċata 2).
4. Is-Soċjetá Konvenuta għalhekk ipproponiet li l-Attur jersaq għal att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu (ara xhieda tal-istess Martin Grech a' fol 94). Dan l-att ġie fil-fatt ippubblikat fid-29 ta' Mejju 2014 (ara kopja kompluta bid-dokumenti annessi formanti parti mill-istess a' fol 66).

5. Permezz tal-kuntratt imsemmi, l-Attur Kevin Camilleri ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur a favur il-Kumpanija Konvenuta fl-ammont imsemmi ta' €253,173.13.

6. Hekk kif hemm stipulat fl-Att imsemmi, "*Din is-somma hija dovuta mid-debitur a favur il-kumpanija kreditriċi bħala xiri ta' ħalib u prodotti ta' ħalib mibjugħa u konsenjati lid-debitur fil-perjodu bejn il-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) hekk kif deskritt fid-dokumenti hawn anness u mmarkat Dokument 'A'* [a' fol 69].

7. Skond l-istess att, "*Din is-somma għandha titħallas lura fi żmien seba' (7) snin mid-data ta' llum. Fuq din is-somma, jiddekorru l-interessi miftiehma bejn il-partijiet ta' ġamsa fil-mija (5%) fis-sena, kalkulabbli a scaletta. Din is-somma u l-interessi li jiddekorru fuqha għandhom jitħallsu lura permezz ta' pagamenti mensili ta' tlett elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu tal-Ewro (€3,578.33) tul l-imsemmi perjodu ta' seba' (7) snin, kif inhu spjegat aħjar fuq iċ-ċedola ta' pagamenti konsistenti f'paġna waħda, hawn annessa u mmarkata Dokument 'B'* [a' fol 73], *li tifforma parti integrali minn dan il-ftehim. L-imsemmija pagamenti jkunu jkopru kemm il-kapital u kif ukoll l-interessi li jiddekorru fuqha kif spjegat aħjar fl-anness imsemmi.*"

8. Il-Kuntratt ikompli jistipula li "*id-debitur jinkorri l-ħlas ta' imgħaxijiet ulterjuri kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis sena, fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta, u dan sa l-effettiv pagament ta' dik ir-rata jew ta' kull bilanċ.*"

9. L-istess kuntratt ikompli jispeċifika li "*F'każ li d-debitu jonqoas milli żewġ rati kemm konsekuttivi jew le, id-debitur għandu jitlef il-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhu skond dan il-ftehim, u kif aħjar regolat fiċ-ċedola hawn annessa dokument 'B', bil-konsegwenza li kull bilanċ mhux imħallas flimkien mal-imgħaxxijiet relattivi fuq tali bilanċ, isiru dovuti mid-debitur lill-kumpanija kreditriċi minnifuh.*"

10. Tul l-imsemmi perjodu ta' 7 snin, l-Attur ħallas dsatax (19) minn erbgħa u tmenin (84) pagament mensili ta' €3,578.33 elenkati fl-imsemmija ċedola ta' pagamenti hemm annessa u mmarkata Dokument B (ara xhieda Martin Grech a' fol 97). Dawn id-19 il-pagamenti mensili tħallsu mill-attur matul il-perjodu ta' bejn id-9 ta' Mejju 2014 sas-6 ta' Jannar 2016 (ara premessa 4 tar-rikors ġuramentat preżentat mis-soċjetá Konvenuta fil-kawża 669/2019 a' fol 4 flimkien mal-prospett hemm anness bħala Dok B a' fol 17);

**2.** Jirriżulta għalhekk li l-Attur ħallas interessi ta' 5% fl-ammont ta' €18,201.76c (ara Dokument B ammonti 1 sa 19 taħt il-kolonna intestata *Interest Paid* magħdudin flimkien) u jonqsu jħallas kapital fl-

ammont ta' €203,386.69c (ara kaxxa numru 19 intestata *Principal Remaining* fid-Dokument B; ara wkoll xhieda ta' Martin Grech a' fol 98 faċċata 2 et seq).

1. L-Attur naqas milli jħallas il-bqija tal-pagamenti fid-dati meta saru dovuti kif imniżżlin fid-dokument B taħt il-kolonna intestata '*Payment due by end of:*'. Skatta għalhekk l-obbligu li l-Attur assuma bit-tieni paragrafu tat-tieni paġna tal-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu, jiġifieri li l-bilanċ tal-Kapital fl-ammont ta' €203,386.69c jitħallas bir-rata ta' imgħax ta' 8% u mhux iżjed bil-5% (ara wkoll xhieda Martin Grech a' fol 100 faċċata 2). Dawn l-interessi bir-rata ta' 8% bdew jiġu kkalkolati mill-1 ta' Marzu 2016 (xhieda Martin Grech a' fol 102 faċċata 2).
2. Permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fit-28 ta' Marzu 2016 (a' fol 19 tal-kawża 669/2019), is-Soċjetá konvenuta interpellat lill-Attur għal ħlas tal-bilanċ ta' €203,386.69 "*kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skont l-istess kuntratt* [ta' Kostituzzjoni ta' Debitu]".
3. Sat-22 ta' Jannar 2019, dan l-imgħax ta' 8% fuq il-kapital ta' €203,386.69 kien jammonta għal €47,118.85 (ara xhieda Martin Grech a' fol 102). F'din id-data s-Soċjetá Konvenuta kienet ippreżentat kontra l-Attur rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Qbid in kawtela tal-Kreditu tagħha fl-ammont ta' €250,505.54c li kien jinkludi l-ammonti imsemmija ta' €203,386.69 f'sorti u €47,118.85 f'interessi

(ara fol 11). Minkejja li intlaqa b'digriet tal-1 ta' Frar 2019 (ara premessa 7 tar-Rikors promotur a' fol 2), il-Mandat m'għadux fis-seħħ wara li ġie preżentat kontro-mandat mis-Soċjetá konvenuta stess (ara digriet Dok A2 a' fol 65). Il-proċeduri eventwali ta' subbasta istitwiti kontra l-Attur mis-soċjetá Konvenuta ġew ukoll minnha rinunzjati (ara nota rinunzja Dok A1 a' fol 63);

4. Fit-28 ta' Mejju 2019, l-Attur istitwixxa dawn il-proċeduri kontra s-soċjetá Konvenuta;
5. Fit-8 ta' Lulju 2019, is-soċjetá Konvenuta istitwiet kontra l-Attur azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu datat 29 ta' Mejju 2014 (ara kawża numru 669/2019).
6. Dawn iż-żewġ kawżi mxew u nstemgħu flimkien min din il-Qorti.

## Punti ta' Liġi

**3.** Permezz tal-kawżali kif mpustati fl-ewwel, it-tieni u r-raba talba, l-Attur qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu tad-29 ta' Mejju 2014 huwa affett minn użura adoperata kontra l-Attur u għalhekk null in toto jew in parte. Dan għaliex l-Attur huwa mingħalih li l-att jimponi "*rata ta' imgħax b'effetti użurarji, stante l-fatt illi jimponi imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanċ ta' somma li minnha nnifisha diġa tkun tinkorpora imgħax bir-rata' ta' ħamsa fil-mija (5%)*" (ara premessa 3 a' fol 2).

**4.** Ma hemmx dubju li t-talbiet attriċi għandhom jigu meqjusa fid-dawl tal-artikoli 985, 986(2), 987 et seq u bbażata fuq l-artikoli 1852 u 1853 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Dawn l-artikoli ġew imfissra tajjeb mill-Qorti tal-Kummerċ presjeduta mill-Imħallef Joseph D. Camilleri fis-sentenza **Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg *noe*** datata 15 ta' Novembru 1985 bil-mod kif ġej:

"*Il-Ligi tagħna tpoġġi limiti għalkemm wieħed jista' jżomm imgħax u tippreskrivi li kull imgħax miftiehem f'iżjed mill-massimu ammess minnha għandu jiġi mnaqqas sal-limiti stabbilit. Mhux biss, iżda 'kull kuntratt,* ***taħt kull isem li jkun,*** *magħmul b'qerq tad-disposizzjoni imsemmija, jista jitħassar (is subject to recission) (artikolu 1948 u 1949 tal-Kodici Civili) [illum artikolu 1852 u 1853]. Band' oħra ta' l-istess ligi (arikolu 1185) [illum artikolu 1142] jingħad 'expressis verbis' li l-imgħaxijiet fuq imgħaxijiet (l'hekk imsejħa 'imġħaxijiet komposti') ma jistgħux jintalbu ħlief wara li jkunu skaduti u mill-ġurnata ta' talba ġjudizzjarja jew b'konvenzjoni posterjuri, purkè, sija fl-ewwel każ kemm fit-tieni ipotesi, l-imgħaxijiet ikunu dovuti ghal żmien ta' mhux anqas minn sena;*

*Il-legislatur patriju kien dejjem gelus li jirreprimi l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, ghal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jigifieri inesistenti billi illeċita għax projbita mill-ligi (ara fost oħrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32.I.263, 39.!.366, u 45.I.127). L-*

*usura, hi materja 'che appartiene all-ordine pubblico' tant li, anki jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li għalina hu usura, jekk tiġi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni għall-usura (Vol.30.II288).*"

**6.** Kif tajjeb irriteniet il-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-kawża **Michael Ciappara et vs Francis Mifsud et** tat-28 ta' Ottubru 2005 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar 2008, ir-riżoluzzjoni ta' vertenza bħal din "***tirrikjedi ndaġini tar-retroxena u taċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għall-kuntratt [D] in dismina. Il-Qorti tosserva li l-provi juru li dan il-ftehim ma jistax validament jitqies in vacuo, iżda fil-kuntest tat-transazzjoni principali ta' kompra vendita li seħħet bejn il-partijet, il-pagamenti effettwati u l-ammont tal-bilanċ konsegwenzjali.***"(emfażi ta' din il-Qorti).

**7.** L-istess Qorti kompliet teluċida l-prinċipji stabbiliti f'materja bħal din ta' konvenzjoni affetta b'użura:

"*illi, ghalkemm huwa minnu li pacta sunt servanda u li l-kuntratti jobbligaw lill-partijiet fit-termini taghhom (Arti.992 u 993), kif ukoll li l-kuntratti għandhom il-preżunzjoni tar-realta' u tal-validita'; daqstant huwa stabbilit fil-ligi li wieħed mir-rekwiziti essenzjali għall-validita' tal-kuntratti u tal-konvenzjonijiet huwa li dawn għandhom ikunu bażati fuq kawżi leċiti, b' mod li kawża illeċita sservi sabiex tirrendi nulla il-konvenzjoni, in toto jew in parte, skond il-kaz (Art.987). Di piu' il-prinċipju contra testimonium scriptun*

*non scriptum non fertur isofri minn deroga fil-każ li fil-kuntratt ikun hemm simulat jew kamuffat ftehim li mhux permess mill-liġi, anzi jkun espressament projibit bħal ma hija l-impożizzjoni ta' l-imgħax in eccess għal dak stabbilit mill-liġi. Tali simulazzjoni tista' tiġi pruvata mhux biss bi provi diretti imma anke permezz ta' preżunzjonijiet u kongetturi, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, u mhux kontradetti minn preżunzjonijiet u indizji oħra.[AC.Salvatore Debono vs Carmelo Zammit et [1946] Vol.32B.I.343; AC.PL.Ettore Caruana Scicluna vs Neg.Ugo Pace et. [1949] Vol.33B.1.390] L-indizji tas-simulazzjoni mhux biss iridu jkunu gravi, preċiżi u konkordanti, imma jridu jkunu tali li kontra tagħhom ma jkunx hemm indizzi oħra li jiġġeneraw dubju li l-att seta' kien veru u reali.[PA [1948] Emma Ciappara va Salvatore Camilleri Vol.33E.II.307].*

*Inoltre huwa espressament stipulat fil-liġi li, fil-każ ta' adempjenza tardiva ta' l-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett somma determinata, id-danni "jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin fit-tmienja fil-mija fis-sena" (Art.1139).*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**8.** Il-liġi taħseb ukoll dwar li l-imgħaxijiet ma jkunux daqstant pesanti li jistgħu iwasslu li jeċċedu l-kapital fil-każ ta' self ta' flus għall-konsum ossia *mutuum qua res fungibiles.* Ir-reġola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-Lex 27 Cod. de usuris — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u

fin-Novelli 121 u 138 - li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital. Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislativi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-leges fenebres u r-regola kontra l-anatoċiżmu, li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, i.e. *usuræ in obligatione, u mhux usuræ quæ officio iudicis præstantur*.

**9.** Imma ir-regola hi, li l-imgħax ma jistax jaqbeż il-kapital u ma jsirx parti mill-kapita meta dan ma jibqax imħallas. Jekk issir parti mill-kapital ikun ifisser li ma hiex kwistjoni ta; imagħaxijiet fuq imagħaxijiet iżda imagħaxijiet fuq kapital propju, Ovvjament dejjem soġġett għal dak li tgħid il-ligi f'artikolu 1850(2) tal-Kodici Civili u cioe' li l-imgħaxijiet "*Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena."*

**10.** Minn eżami tal-atti u dokumenti u kif ukoll mix-xhieda imressqa mill-partijiet, lil din il-Qorti ma irrisultalhiex li din ir-regola ma ġietx rispetata. Anzi jirriżulta li sakemm kien qed iħallas regolarment l-imgħaxijiet bdew jitħallsu flimkien mal-kapital.Dan ifisser li ma jistax ikun il-każ li sakemm baqa' jħallas l-imgħax qatt ma kien konvertiet f'kapital għax tħallas tempestivament. L-imgħax ta' 8% beda jiddekorri mid-dekadenza. F'dan ma hemm xejn kontra il-liġi għaliex din hija l-ogħla rata li tippermetti l-ligi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**11.** Applikati dawn il-konsiderazzjonijiet mal-każ in eżami jirriżulta evidenti li l-Kostituzzjoni ta' Debitu hawn attakkat sar in piena konformitá ma dak li titlob l-istess liġi u m'hu milqut min ebda każ ta' simulazzjoni jew kamuffar mhux minnha permess.

**12.** L-Attur stess kif rappreżentat jirrikonoxxi dan. Tabilħaqq, huwa ma għamel l-ebda "*indaġini tar-retroxena u taċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għall-kuntratt*" in disamina. L-Attur fl-ebda stadju ma għoġbu juri bi "*provi diretti*" jew bi "*preżunzjonijiet u kongetturi, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, u mhux kontradetti minn preżunzjonijiet u indizji oħra*" li l-ammonti f'kapital u f'interessi kif determinati u kalkolati mis-soċjetá Konvenuta f'Dokument A (a' fol 69) u B (a' fol 73) annessi mal-kuntratt stess u fil-prospett (a' fol 17 fl-atti tal-kawża 669/2019) b'xi mod jimmaskeraw rati ta' imgħax b'effetti użurarji, kif *del resto* hekk kien rikjest minnu li jagħmel. L-Attur lanqas biss ippreżenthom flimkien mal-kuntratt u, wisq iżjed, ikkontesthom. Minflok, huwa iddeċieda jattakka l-klawżola nnifisha tal-kuntratt bħala waħda li hija 'frott' ta' użura (ara nota a' fol 130 et seq).

**13.** Kif joħroġ mil-kunsiderazzjonijiet legali supra, il-kawża illeċita ma hijiex il-Konvenzjoni nnifisha iżda l-ftehim illeċitu maskerat u kamuffat wara l-istess Konvenzjoni. Jekk il-'frott' tal-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu (ossia l-kapital u l-interessi kif kalkolati u determinati mis-soċjetá Konvenuta) ma' jimponu ebda imgħax in eċċess għal dak stabbilit mill-liġi, l-istess att huwa

allura "*veru u reali*" u ma jista bl-ebda mod jitqies bħala wieħed effett b'usura.

**14.** Il-liġi taħseb ukoll dwar li imgħaxijiet ma jkunux daqstant pesanti b'mod li jistgħhu jeċċedu l-kaptial fil-każ ta' self ta' flus għall-konsum ossia *mutuum qua res fungibiles.* Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-Lex 27 Cod. de usuris — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital . Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislativi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-leges fenebres u r-regola kontra l-anatoċiżmu, li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, i.e. *usuræ in obligatione, u mhux usuræ quæ officio iudicis* meta dan ma jibqa' ma jithallas *præstantur*.

**15.** Imma ir-regola hi, li l-imgħax ma jistax jaqbeż il-kapital <u>u mhux ma jsirx parti mill-kapital.</u> Jekk isir parti mill-kapital ikun ifisser , li ma hiex kwistjoni ta' imagħaxijiet fuq imagħaxijiet izda imagħx fuq kapital propju, Ovvjament dejjem soġġett għal dak li tgħid il-ligi f'artikolu 1850(2) tal-Kodici Civili u cioe' li l-imgħaxijiet "*Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena."*

**16.** Minn ezami tal-atti u dokumenti u kif ukoll mix-xhieda imressqa mill-partijiet, lil din il-Qorti ma irriżultaliex li din ir-regola ma ġietx rispettata. Anzi, jirrisulta li sakemm kien qed l-Attur kien qiegħed iħallas regolarment l-imgħaxijiet bdew jitħallsu flimkien mal-kapital. Dan ifisser li li ma jistax ikun il-każ li sakemm baqa' jħallas l-imgħax dan kien konvertit f'kapital għax dan kien qiegħed jitħallas tempestivament. L-imgħax ta' 8% beda jiddekorri mid-dekadenza u dan skont il-ftehim. F'dan ma hemm xejn kontra il-liġi għaliex din hija l-ogħla rata li tippermetti l-liġi. Il-ftehim kien ċar, li f'każ ta' dekadenza l-imgħax ma jibqax bir-rata ta' imgħax favorevoli ta' 5% izda bl-ogħla rata li tippermetti il-liġi, cioe; dik ta' 8%.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' r-raba eċċezzjoni** tas-soċjetá Konvenuta**.**

**Tiċħad l-ewwel , it-tieni u raba' talbiet Attriċi** fil-waqt li **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet, il-ħames u sitt talbiet Attriċi.

Spejjeż a karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**